EUROPEAN
COMMISSION

Brussels, 11.8.2017
COM(2017) 432 final

2017/0198 (NLE)

Proposal for a

COUNCIL DECISION

on the signing, on behalf of the Union, and provisional application of the Agreement for scientific and technological cooperation between the European Union and the People's Democratic Republic of Algeria setting out the terms and conditions for participation of the People's Democratic Republic of Algeria in the Partnership for Research and Innovation in the Mediterranean Area (PRIMA)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

B'segwitu għal proposta tal-Kummissjoni għal inizjattiva PRIMA abbażi tal-Artikolu 185 tat-TFUE[1], ġiet adottata d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri.

L-għan tal-PRIMA hu li jiġi implimentat programm biex jitrawmu kapaċitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni u li jiġu żviluppati l-għarfien u soluzzjonijiet innovattivi komuni għat-titjib tal-effiċjenza, tas-sikurezza, tas-sigurtà u tas-sostenibbiltà tas-sistemi agroalimentari u tal-provvista u tal-ġestjoni integrati tal-ilma fiż-żona tal-Mediterran. Fil-PRIMA se jipparteċipaw b'mod konġunt għadd ta' Stati Membri u ta' pajjiżi terzi ("Stati Parteċipanti fil-PRIMA") b'livell għoli ta' impenn għall-integrazzjoni xjentifika, finanzjarja u tal-ġestjoni u bl-istess termini u kundizzjonijiet.

Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija ("l-Alġerija") esprimiet ix-xewqa tagħha li tissieħeb fil-PRIMA bħala Stat Parteċipant fl-ittri tal-20 ta' Frar 2017 u tat-23 ta' April 2017, u ħadet l-impenn li tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 20 miljun għall-inizjattiva.

Sabiex jiġi żgurat li l-Alġerija tipparteċipa fil-PRIMA fl-istess livell tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont 2020, huwa meħtieġ Ftehim Internazzjonali mal-Unjoni biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim ġuridiku stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 għall-Alġerija.

Fit-30 ta' Mejju 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, mal-Alġerija dwar Ftehim Internazzjonali bejn l-Unjoni u l-Alġerija, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Alġerija fil-PRIMA, soġġett għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324.

In-negozjati bdew fis-26 ta' Ġunju 2017 u ġew konklużi b'suċċess fil-11 ta' Lulju 2017, meta r-rappreżentanti ta' kull waħda mill-Partijiet futuri poġġew l-inizjali tagħhom fuq it-test tal-abbozz ta' Ftehim. L-abbozz ta' Ftehim mehmuż ma' din il-proposta huwa konformi mad-direttivi tan-negozjati maħruġa mill-Kunsill. B'mod partikolari, dan jistabbilixxi li t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Alġerija fil-PRIMA għandhom ikunu dawk li ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, u billi ssir referenza diretta għall-att leġiżlattiv tal-Unjoni.

Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari s-setgħat tal-Kummissjoni, tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (PRIMA-IS) biex iwettqu l-awditjar u l-investigazzjonijiet skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, il-Ftehim jagħmel referenza speċifika għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u jobbliga lill-Partijiet biex jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Barra

---

1 COM(2016) 662 final, 18.10.2016.

2 Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.07.2017, p. 1).

minn hekk, il-Ftehim futur jistipula li l-Partijiet iridu jsibu qbil dwar l-arranġamenti dettaljati għall-assistenza, peress li dawn l-arranġamenti huma essenzjali għall-kooperazzjoni ta' bejniethom skont dan il-Ftehim.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Kif ġie ppreżentat ukoll fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt għall-PRIMA[3], il-ftuħ tal-PRIMA għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi bħall-Alġerija huwa konsistenti mal-objettivi tal-kooperazzjoni internazzjonali għar-riċerka u għall-innovazzjoni kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2012 "Intejbu u niffukaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: Approċċ strateġiku"[4] u fil-Programm Qafas Orizzont 2020, li jippromwovi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali tas-soċjetà u jiġu appoġġati l-politiki esterni tal-Unjoni. Dan il-Ftehim huwa konsistenti wkoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju eżistenti li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra[5], u mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika[6] li jistipulaw li jkun hemm kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Alġerija fir-riċerka u fl-iżvilupp teknoloġiku u jħeġġu l-attivitajiet tar-riċerka u tal-iżvilupp fl-oqsma ta' interess komuni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-implimentazzjoni tal-PRIMA f'kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi bħall-Alġerija hija konsistenti wkoll ma' politiki oħra tal-Unjoni, bħall-politika dwar il-migrazzjoni, il-politika tal-iżvilupp u l-politika tal-viċinat, filwaqt li hija wkoll rilevanti għalihom.

2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq l-Artikolu 186 u l-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ppreżentata ma' din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill

- jiddeċiedi dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim f'isem l-Unjoni;

- jawtorizza lin-negozjatur tal-Ftehim biex jiffirma, f'isem l-Unjoni, il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA).

---

3 SWD(2016) 332 final, 18.10.2016.
4 COM(2012) 497 final.
5 ĠU L 265, 10.10.2005, p. 2.
6 ĠU L 99, 05.04.2012, p. 1-8.

2017/0198 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] tistipula l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri.

(2) L-għan tal-PRIMA hu li jiġi implimentat programm biex jitrawmu kapaċitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni u li jiġu żviluppati l-għarfien u soluzzjonijiet innovattivi komuni għat-titjib tal-effiċjenza, tas-sikurezza, tas-sigurtà u tas-sostenibbiltà tas-sistemi agroalimentari u tal-provvista u tal-ġestjoni integrati tal-ilma fiż-żona tal-Mediterran.

(3) Fil-PRIMA se jipparteċipaw b'mod konġunt għadd ta' Stati Membri u ta' pajjiżi terzi ("Stati Parteċipanti fil-PRIMA") b'livell għoli ta' impenn għall-integrazzjoni xjentifika, finanzjarja u tal-ġestjoni u bl-istess termini u kundizzjonijiet.

(4) Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija ("l-Alġerija") esprimiet ix-xewqa tagħha li tissieħeb fil-PRIMA bħala Stat Parteċipant u fl-istess livell tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont 2020 li jipparteċipaw fil-PRIMA.

(5) Skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, l-Alġerija ssir Stat Parteċipant fil-PRIMA soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Alġerija fil-PRIMA.

(6) Fit-30 ta' Mejju 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, mal-Alġerija dwar ftehim internazzjonali li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Alġerija fil-PRIMA, soġġett għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess meta l-Partijiet poġġew l-inizjali tagħhom fuq il-Ftehim.

---

[7] Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.07.2017, p. 1).

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar 'il quddiem.

(8) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju, bil-ħsieb li l-Alġerija titħalla tipparteċipa fil-PRIMA mill-bidu nett.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan, l-iffirmar tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) huwa approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

B'konformità mal-Artikolu 4, dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu u sakemm jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [id-data tal-adozzjoni tagħha].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Modalità/modalitajiet ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[8]

Titolu 08 Riċerka u Innovazzjoni, il-Programm Qafas Orizzont 2020.

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☑ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[9]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva

L-iskop ta' din l-inizjattiva huwa li l-Alġerija titħalla ssir Stat Parteċipant fil-PRIMA, li l-objettiv strateġiku tagħha huwa li jinbnew kapaċitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni u li jiġu żviluppati l-għarfien u soluzzjonijiet innovattivi komuni għas-sistemi agroalimentari, biex dawn isiru sostenibbli, u għall-provvista u għall-ġestjoni integrati tal-ilma fiż-żona tal-Mediterran, biex dawk is-sistemi, il-provvista u l-ġestjoni jsiru iżjed reżiljenti għall-klima, effiċjenti, kosteffettivi u sostenibbli fil-livell ambjentali u soċjali, kif ukoll biex jingħata kontribut bl-għan li tinstab soluzzjoni upstream għall-problemi marbuta mal-iskarsezza tal-ilma, mas-sigurtà tal-ikel, man-nutrizzjoni, mas-saħħa, mal-benesseri u mal-migrazzjoni.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Sabiex jinkisbu l-objettivi tagħha, se jipparteċipaw b'mod konġunt fil-PRIMA għadd ta' Stati Membri u ta' pajjiżi terzi bl-istess termini u kundizzjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li l-Alġerija tipparteċipa fil-PRIMA fl-istess livell tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont 2020, huwa meħtieġ Ftehim Internazzjonali mal-Unjoni biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim ġuridiku stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 għall-Alġerija.

8 ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
9 Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistenni(ja)*

Speċifika l-effetti li jenħtieġ li jkollha l-proposta/l-inizjattiva fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Din l-inizjattiva se tippermetti lill-Alġerija ssir Stat Parteċipant fil-PRIMA, biex b'hekk tkun fl-istess livell tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont 2020. Skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, l-entitajiet ġuridiċi tal-Alġerija jkunu awtomatikament eliġibbli biex japplikaw għal finanzjament mill-UE fi proġetti ffinanzjati mill-baġit tal-UE.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

L-iskop ta' din l-inizjattiva huwa li tippermetti l-parteċipazzjoni tal-Alġerija fil-PRIMA. Għaldaqstant, l-indikaturi tar-riżultati u tal-impatt ta' din l-inizjattiva huma marbuta strettament ma' dawk tal-inizjattiva PRIMA kollha kemm hi, kif speċifikat fil-proposta korrispondenti tal-Kummissjoni[10].

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) f'terminu qasir jew twil*

Jekk jogħġbok irreferi għall-proposta tal-Kummissjoni għal inizjattiva PRIMA abbażi tal-Artikolu 185 tat-TFUE msemmija hawn fuq u għar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt għall-PRIMA, li jakkumpanja din il-proposta tal-Kummissjoni[11].

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Jekk jogħġbok irreferi għall-proposta tal-Kummissjoni għal inizjattiva PRIMA abbażi tal-Artikolu 185 tat-TFUE msemmija hawn fuq.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Ma hemm l-ebda preċedent għal din l-inizjattiva, peress li l-inizjattiva PRIMA hija l-ewwel inizjattiva ta' rilevanza ta' dan it-tip bil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka fl-istess livell tal-Istati Membri u li b'hekk teħtieġ il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali mal-Unjoni biex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Jekk jogħġbok irreferi għall-proposta tal-Kummissjoni għal inizjattiva PRIMA abbażi tal-Artikolu 185 tat-TFUE msemmija hawn fuq.

[10] COM(2016) 662 final, 18.10.2016.
[11] SWD(2016) 332 final, 18.10.2016.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

☑ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☑ Proposta/inizjattiva b'effett mid-data tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim u sakemm id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tibqa' fis-seħħ (31/12/2028).

– ☑ Impatt finanzjarju mid-data tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim sal-31 ta'Diċembru 2020 (matul dan il-perjodu jrid jiġi stabbilit arranġament li jimplimenta l-Ftehim. Wara dan il-perjodu, mhija prevista l-ebda attività ulterjuri skont il-Ftehim).

– ☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali minn SSSS sa SSSS,

– segwita bi tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Modalità/modalitajiet ta' ġestjoni ppjanat(i)[12]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu ddelegati:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi li huma ħatru;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi pubblika;

– ☑ lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk tindika iżjed minn modalità waħda ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Se tiġi stabbilita entità ġuridika ġdida li se tkun iddedikata b'mod esklużiv għall-implimentazzjoni tal-PRIMA. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-PRIMA se tiġi pprovduta permezz ta' din l-istruttura.

12 Dettalji tal-modalitajiet ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Jekk jogħġbok irreferi għall-proposta tal-Kummissjoni għal inizjattiva PRIMA abbażi tal-Artikolu 185 tat-TFUE msemmija fit-taqsimiet preċedenti.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Jekk jogħġbok irreferi għall-proposta tal-Kummissjoni għal inizjattiva PRIMA abbażi tal-Artikolu 185 tat-TFUE msemmija fit-taqsimiet preċedenti.

2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

Jekk jogħġbok irreferi għall-proposta tal-Kummissjoni għal inizjattiva PRIMA abbażi tal-Artikolu 185 tat-TFUE msemmija fit-taqsimiet preċedenti.

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Jekk jogħġbok irreferi għall-proposta tal-Kummissjoni għal inizjattiva PRIMA abbażi tal-Artikolu 185 tat-TFUE msemmija fit-taqsimiet preċedenti.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.

Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari s-setgħat tal-Kummissjoni, tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (PRIMA-IS) biex iwettqu l-awditjar u l-investigazzjonijiet skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, il-Ftehim li jrid jiġi konkluż bejn l-UE u l-Alġerija jagħmel referenza speċifika għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u jobbliga lill-Partijiet biex jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Barra minn hekk, il-Ftehim futur jistipula li l-Partijiet iridu jsibu qbil dwar l-arranġamenti dettaljati għall-assistenza, peress li dawn l-arranġamenti huma essenzjali għall-kooperazzjoni ta' bejniethom skont dan il-Ftehim.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 1a – Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi	Diff./Mhux diff[13].	minn pajjiżi tal-EFTA[14]	minn pajjiżi kandidati[15]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1a	08.01.05	Mhux diff.	IVA	IVA	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura……………………………………]	Diff./Mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

13 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
14 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
15 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża **l-ispreadsheet dwar id-dejta baġitarja ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument anness ma' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u tittella' fis-CISNET għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1a	"Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi"

DĠ: <…….>			Sena **2018**[16]	Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021-2029**	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali							
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1)					
	Pagamenti	(2)					
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)					
	Pagamenti	(2a)					
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[17]							
Numru tal-linja baġitarja: 08.010501		(3)	23 000	23 000	23 000		69 000
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ <…….>	Impenji	=1+1a +3	**23 000**	**23 000**	**23 000**		**69 000**
	Pagamenti	=2+2a +3	**23 000**	**23 000**	**23 000**		**69 000**

16 L-2018 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

17 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

•TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)					
	Pagamenti	(5)					
•TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	**23 000**	**23 000**	**23 000**		**69 000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <1a> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	**23 000**	**23 000**	**23 000**		**69 000**
	Pagamenti	=5+ 6	**23 000**	**23 000**	**23 000**		**69 000**

<u>Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:</u>

•TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
•TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

EUR

		Sena **2018**[18]	Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021-2029**	**TOTAL**
DĠ: <…….>						
•Riżorsi umani						
•Nefqa amministrattiva oħra		4 600	4 600	4 600		13 800
TOTAL tad-DĠ <RTD>	Approprjazzjonijiet	**4 600**	**4 600**	**4 600**		**13 800**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	**4 600**	**4 600**	**4 600**		**13 800**

EUR

		Sena **2018**[19]	Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021-2029**	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	**27 600**	**27 600**	**27 600**		**82 800**
	Pagamenti	**27 600**	**27 600**	**27 600**		**82 800**

[18] L-2018 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

[19] L-2018 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena **N**		Sena **N+1**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTAL**	
	TAL-OUTPUTS																	
⇩	Tip[20]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[21]...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Sottototal għall-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Sottototal għall-objettiv speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

20 L-outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: in-numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

21 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

3.2.3. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR

	Sena **2018**[22]	Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021-2029**	**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani					
Nefqa amministrattiva oħra	4 600	4 600	4 600		13 800
Sottototal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**4 600**	**4 600**	**4 600**		**13 800**
'Il barra mill-INTESTATURA 5[23] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**					
Riżorsi umani	23 000	23 000	23 000		69 000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva					
Sottototal 'il barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**23 000**	**23 000**	**23 000**		**69 000**
TOTAL	**27 600**	**27 600**	**27 600**		**82 800**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikunu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk ikun hemm bżonn, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

22 L-2018 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

23 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tingħata f’unitajiet ekwivalenti għall-full time

		Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021-2029**
•Pożizzjonijiet fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)					
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni)					
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
08 01 05 01 (Riċerka indiretta)		**0,2**	**0,2**	**0,2**	
10 01 05 01 (Riċerka diretta)					
•Persunal estern (f’unitajiet ekwivalenti għall-full time: FTE)[24]					
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)					
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 04 **yy** [25]	- fil-Kwartieri Ġenerali				
	- fid-Delegazzjonijiet				
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL		**0,2**	**0,2**	**0,2**	

XX huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti minn persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikun ġie ridistribwit fid-DĠ, u jekk ikun hemm bżonn, flimkien ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta’ ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Tħejjija u konklużjoni ta’ arranġament amministrattiv mal-awtoritajiet tal-Alġerija għall-assistenza fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, kif previst fl-Artikolu 2 tal-Ftehim.
Persunal estern	

24 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JED = Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

25 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se teħtieġ programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega dak li hu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat ta' hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva jkollha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[26]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[26] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.